“Dar Birzebbuga” Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165  Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**  (*) *Nota*: Fejn hu ssinjalat trid tittiehed azzjoni

**Minuti tal-laqgħa numru 06/08 tal-Kunsill Lokali ta’ Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 18 ta’ Settembru 2008 fit-8.30am**

| | |
|---|---|
| *Prezenti* | *Membri* |
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzat** | **-** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 05/08 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija.  S.Cuschieri ipproponiet u R.Zahra issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett.  Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

Il-Minuti tal-Laqgħa Informali li saret nhar il-Ħamis, 24 ta’ Lulju 2008 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija.  Kulħadd qabel li dawn il-Minuti huma korretti u kif hemm iddikjarat f’dawn l-istess Minuti, ser ikunu annessi bħala dokument ‘A’ mal-Minuti ta’ din il-Laqgħa  Nru. 06/08.

## ***AĠENDA -3***

*01/09 -* L-Eden Foundation għal sena oħra sejra torganizza l-Edenfest fit-28 ta’ Settembru 2008 b’risq it-tfal b’diżabilita’.  Huma qed jistiednu lis-Sindku, lill-Kunsillieri u l-Istaff biex jekk iridu joffru ftit mill-ħin tagħhom u jmorru jgħinu volontarjament f’din il-maratona.  Għamlu talba wkoll għall-donazzjoni.  Il-Kunsill qabel li jagħtihom donazzjoni finanzjarja bħas-sena ta’ qabel li tammonta għal €58.23.

*02/09 -* Tressqet talba mingħand il-Fondazzjoni Oasi għall-kontribuzzjoni fi flus biex tkun tista’ tittella’ is-serata nazzjonali taż-‘Żagħżugħ/a tas-Sena’.  Il-Kamra ma laqgħetx din it-talba peress li qiegħed ikun hemm ħafna talbiet għal donazzjonijiet kif ukoll minħabba li r-riżorsi finanzjarji tal-Kunsill huma limitati.

*03/09* - Is-Segretarju Eżekuttiv tas-Soċjeta' Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa f'isem il-Kumitat bagħat jirringrazzja lill-Kunsill ta' kull għajnuna li pprovda biex il-Festa ta' Birżebbuġa u l-Lejla Sajfija kienu ta' suċċess. Rigward l-istess Lejla Sajfija huma qegħdin iressqu kont tad-dawl u *sound* biex bħas-snin ta' qabel il-Kunsill Lokali jisponsorja parti minn din l-ispiża. Il-Kamra approvat li ssir donazzjoni ta' €116 bħala kontribut għal din l-ispiża.

*04/09* - Il-Kamra ddiskutiet talba għall-ħlas lir-Radju tal-Komunita', Energy FM, biex ikopri l-ħlas ta' erba' programmi 'Live' li saru fil-perijodu 26/3/08 - 26/6/08. Il-kont jammonta għal €328. Kulħadd qabel li dan il-kont għandu jitħallas.

*05/09* - Iż-ZAK ressqu talba għal għajnuna finanzjarja għal *musical* li ser jittella' fl-10, 11 u 12 ta' Ottubru 2008. Ġie ssuġġerit mill-Kunsill li għal dan il-*musical* jidħol f'kollaborazzjoni maż-ZAK. Ser tintalab laqgħa bejn iż-żewġ partijiet biex jiġi diskuss dan u jiġi stabbilit x'għajnuna hemm bżonn li l-Kunsill joffri. Ukoll kulħadd qabel li għandha tintbagħat ċirkulari lill-Għaqdiet kollha tal-lokal biex dawn jipprovdu programm ta' l-attivitajiet li jkunu ser jagħmlu matul is-sena biex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jippjana minn qabel.

*06/09* - Intbagħtet ittra mill-ADT fejn talbu l-kummenti tal-Kunsill fuq applikazzjoni li rċeviet għal *'Reserved Parking'*. Il-Kunsill ħa *ruling* li ma jikkummentax fuq applikazzjonijiet għal *'Reserved Parking'* fejn persuni m'għandhomx karozzi fuq isimhom u lanqas liċenzja tas-sewqan.

*07/09* - Il-Kamra ġiet innotifikata li t-TCTC qegħda toffri korsijiet *ICT Training* b'xejn lill-adulti u li huma sponsorjati mill-Airmalta. Dawn il-korsijiet ser jibdew bejn Diċembru '08 u Jannar '09. Il-Kamra qablet li r-residenti ta' Birżebbuġa għandhom jibbenifikaw minn dawn il-korsijiet. Għall-promozzjoni tagħhom l-i*sponsor* ser jipprovdi *leaflets* biex jitqassmu fil-lokalita'.

*08/09* - Birżebbuġa St.Peter's F.C. flimkien ma' Birżebbuġa Windmill Football Nursery ħabbru t-twaqqif ta' 'Birżebbuġa Sports Foundation' bil-għan li jaħdmu għall-ġid tal-lokal fil-qasam sportiv. Il-Fondazzjoni għamlet applikazzjoni lill-MEPA għal żvilupp ta' biċċa art tal-Gvern f'*ground* tal-futbol. Il-Fondazzjoni trid tħallas lill-MEPA €2345.80 biex l-applikazzjoni tibda tiġi pproċessata. Il-Kunsill stqarr kemm ilu hu stess jitħabat biex jagħmel dan il-proġett realta'. Wara diskussjoni ġie deċiż li jitħallas dan l-ammont bħala għajnuna għal din l-ispiża inizjali.

***AĠENDA -4***

Il-Kamra ġiet innotifikata li ser issir laqgħa dwar id-devoluzzjoni tar-razzett li jinsab fi Triq Tal-Papa ma' rappreżentanti ta' 'Flimkien għal Ambjent Aħjar' biex ningħataw aktar informazzjoni dwar l-applikazzjoni għall-fondi mill-Unjoni Ewropea għar-restawr ta' dan ir-razzett.

***AĠENDA -5***

Il-Kamra ġiet innotifikata li l-amministrazzjoni ser tibda taħdem fuq ħruġ ta' Offerti Pubbliċi. Dwar l-Offerta Pubblika għall-Ġbir ta' Skart Organiku u Riċiklat għadna qegħdin nistennew dokument tat-*tender* ġdid mill-awtoritajiet ikkonċernati. Ukoll ġie diskuss li Birżebbuġa kull ma jmur qed tkun dejjem aktar maħmuġa u għalhekk meta naslu għall-Kuntratt tal-Knis tat-Toroq irridu nenfasizzaw aktar dwar l-indafa u nagħmlu speċifikazzjonijiet ċari.

***AĠENDA -6***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xahar ta' April '08. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġie approvat biex is-somma ta' €26917.54 titħallas skond l-iskeda Nru. 04/08.

***AĠENDA -7***

1. Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra r-rapporti finanzjarji li jkopru l-attivitajiet ta' 'Jum L-Omm' u 'Jum Il-Missier'. Id-dħul mill-attivita' ta' 'Jum L-Omm' kien ta' €1452.00 u l-ħruġ kien ta' €1817.84 filwaqt li d-dħul mill-attivita' ta' 'Jum Il-Missier' kien ta' €1114.00 u l-ħruġ ta' €1610.88. Għaldaqstant il-Kamra approvat diskrepanzi ta' €365.84 u €496.88 rispettivament.

2. Il-ħlas għas-servizz ta' Aġent Segretarju għal perijodu 1/4/08 - 31/7/08 mis-Sur Ġorġ Galea għandu jkun pro-rata abbażi tas-salarju dovut lilu meta dan kien *full-time* ma' dan l-istess Kunsill skond in-numru ta' sigħat maħduma. In-numru ta' sigħat maħduma huma 170 hrs.

3. Is-Sindku ppropona proġett għat-tisbiħ tar-*roundabout* li tinsab f'San Ġorġ u l-madwar . Dan il-proġett għadu fil-fażi tal-bidu u għad trid tintefa' applikazzjoni lill-MEPA. Kulħadd qabel mal-proġett.

4. L-Aġenzija tal-Programmi ta' l-Unjoni Ewropea ma laqgħetx it-talba għall-applikazzjoni tal-'Lifelong Learning Programme' li ser isir fl-Isvizzera. Għal dan il-programm, fil-laqgħa informali tal-Kunsill, kienet ġiet approvata l-Kunsilliera B.Pace biex tkun ir-rappreżentanta tal-Kunsill.

5. R.Zahra ġibed l-attenzjoni li qed ikollna ħafna ilmenti dwar il-*Bring-in-site* li qegħda fi Triq Iċ-Ċief. Din il-*Bring-in-site* mhix fil-post indikat fuq il-pjanta li ġiet sottomessa lill-MEPA u lanqas għandha *platform* taħta. R.Zahra għandu jitkellem mal-Wasteserv biex jara x'jista' jsir.

6. Is-Surġent tal-Pulizija issuġġerixxa pjanta biex isiru *manholes* għall-*bollards* ħalli jintużaw meta jkun hemm bżonn tingħalaq għat-traffiku ċ-ċentru ta' Birżebbuġa bħal fi żmien il-Festa. Kulħadd qabel.

7. Il-Kunsill kien ħallas €23.29 biex jidħol membru fin-National Rural Development Agency. Issa li ġie mwaqqaf il-Local Action Group tax-Xlokk ta' Malta, T.Roberts ressaq mozzjoni li ġiet issekondata mis-Sindku, is-Sur J.Farrugia, biex il-Kunsill japprova li jirriżenja mill-NRDA u jidħol membru fil-LAG tax-Xlokk ta' Malta. Din il-mozzjoni ġiet approvata.

***Għeluq***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa. Seduta oħra ser issir nhar il-Ħamis, 9 ta' Ottubru 2008 fit-8.30am. .

| ......................................... | ............................................. |
|---|---|
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |